**A.L. 81 ta' l-2008**

## ATT DWAR IL-MEDIĊINI
## (KAP. 458)

### Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 66 ta' l-Att dwar il-Mediċini, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 279 ta' l-2007.

**2.** Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok il-kliem "mill-fond li jkun qiegħed jiġi użat;" fil-paragrafu (b) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "mill-fond li jkun qiegħed jiġi użat:

Iżda fil-każ ta' applikazzjoni għal liċenza għal spiżerija li tkun ġiet ippreżentata qabel ma tkun saret l-applikazzjoni għar-rilokazzjoni ta' xi spiżerija oħra li tkun qegħda diġà hemm, u fejn, bħala konsegwenza ta' dik ir-rilokazzjoni, id-distanza bejn l-ispiżerija l-ġdida li tkun qegħda tiġi proposta u l-ispiżerija rilokata tkun inqas minn 300 metru, allura r-rekwiżit ta' 300 metru m'għandux ikun japplika sabiex jiġi stabbilit jekk l-applikazzjoni pendenti tkunx waħda valida jew xort'oħra."; u

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jithassar.

**3.** Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok is-subregolament (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

(3) Detentur ta' liċenza ma jistax iwettaq jew iġiegħel li ssir jew iħalli li titwettaq fil-fond xi attività li ma jkollhiex għalkollox x'taqsam mal-ħżin, il-preparazzjoni, l-għoti ta' mediċini, il-bejgħ jew il-provvista ta' prodotti mediċinali jew mal-ħżin jew il-bejgħ ta' oġġetti oħra u kull attività oħra li jkollha x'taqsam ma' servizzi oħra farmaċewtiċi u oħrajn dwar is-saħħa skond ma hu permess b'dawn ir-regolamenti."; u

(b) minflok is-subregolament (4) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, m'għandu jkun hemm ebda komunikazzjoni bejn il-fond ta' spiżerija u xi fond ieħor li jintuża għal xi attività kummerċjali oħra tkun liema tkun, ħlief skond is-subregolament (3) ta' dan ir-regolament."."

**L.N. 81 of 2008**

## MEDICINES ACT
## (CAP. 458)

### Pharmacy Licence (Amendment) Regulations, 2008

IN exercise of the powers conferred by article 66 of the Medicines Act, the Minister of Health, the Elderly and Community Care has made the following regulations:

**1.** The title of these regulations is the Pharmacy Licence (Amendment) Regulations, 2008 and they shall be read and construed as one with the Pharmacy Licence Regulations, 2007 hereinafter referred to as "the principal regulations". Title. L.N. 279 of 2007.

**2.** Regulation 6 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 6 of the principal regulations.

(a) for the words "from the current premises;" in paragraph (b) thereof, there shall be substituted the words "from the current premises:

Provided that in the case of an application for a pharmacy licence submitted before the application for relocation of an existing pharmacy, and where, as a result of such relocation, the distance between the proposed new pharmacy and the relocated pharmacy is less than 300 metres, then the requisite of 300 metres shall not apply in determining the validity or otherwise of the pending application."; and

(b) paragraph (c) thereof shall be deleted.

**3.** Regulation 10 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 10 of the principal regulations.

(a) for sub-regulation (3) thereof, there shall be substituted the following:

"(3) It shall not be lawful for a licencee to carry out or cause to permit, or suffer to be carried out on the premises any activity which is not strictly that of storage, preparation, dispensing, sale or supply of medicinal products or that of storage or sale of other articles and all other activities related to pharmaceutical and other healthcare services as allowed by these regulations."; and

(b) for sub-regulation (4) thereof, there shall be substituted the following:

"(4) Without prejudice to sub-regulation (2) of this regulation, there shall be no communication between the premises of a pharmacy and any other premises which is used for any commercial activity whatsoever, except in accordance with sub-regulation (3) of this regulation.".

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz/*Price*
€0.19 (Lm0.08)